Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

# Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi
## Id-Disgħa Leġiżlatura
## Laqgħa Numru 5/2026

20 ta' Mejju, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:
Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

### 5.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.1.1 Is-Sindku qal ref punt 4.2.5 (see saw u l-merry go round) kien ġab stima oħra li kienet ser tiġi ppreżentatha aktar 'il quddiem fil-laqgħa.

**5.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.2.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva invit għall-inawgurazzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali. Huwa qal li l-Kunsillieri kollha kienu mistiedna nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2026 fis-7:00pm.

5.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien mistieden għall-Prima Messa ta' Dun David Pace u li l-Kunsill kif kienu miftiehmin kien xtralu rigal għal din l-okkażżjoni.

5.2.3 Is-Sindku qal li t-tabelli tal-ħwienet kienu bdew jeħlu u l-Ġimgħa fuq il-laqgħa kellhom jeħlu kollha. Is-Sindku spjega li għal issa kienu ser jeħlu t-tabelli tal-ħwienet biss u li 'l quddiem il-Kunsill kien ser jordna t-tabelli tal-postijiet storiċi. Is-Sindku spjega li kull pole kienet tieħu massimu ta' 12-il tabella, 3 tabelli f'erba' direzzjonijiet.

5.2.4 Is-Sindku spjega li nhar il-Ġimgħa 24 ta' April kien attenda *Press Conference* quddiem il-Knisja Parrokkjali fejn ingħataw il-fondi biex isir ir-restawr tal-Knisja Parrokkjali. Huwa spjega li issa l-proċess kien qiegħed f'idejn il-Kappillan.

5.2.5 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju, 2026 kien attenda seduta l-qorti minħabba l-applikazzjoni tal-Planning Authority PC56/52. Huwa spjega li din is-seduta kienet ġiet differita għal Lulju u spjega lill-Kunsillieri li kif kienet il-liġi. Għalkemm il-Kunsill kien daħħal oġġezzjoni għal dan il-bini massiv t'Amparell, l-iżviluppatur diġa' nħariġlu l-permess fuq il-PA application mill-Awtorita' tal-Ippjanar u għalhekk, minkejja li l-kawża l-qorti rigward PC56/22 għadha pendenti, l-applikant xorta jista' jibda jibni.

5.2.6 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju, 2026 kien attenda laqgħa mal-*Human Rights Directorate* fejn għarrfuna li xtaqu jaħdmu mal-Kunsill waqt Festa Familja f'Novembru minħabba l-i*ntegration* f'din l-attivita'. Is-Sindku kompla jispjega li l-*Human Rights Directorate* kienu ser jallokawlna fondi apposta sabiex jgħinuna f'din l-attivita'.

Apparti dan kollu dan di-Direttorat kien ser joħroġ flyer bis-servizzi kollha tal-Kunsill b'żewġ lingwi biex ikun hawn aktar *outreach* għal barranin li jgħixu Ħal Safi.

5.2.7 Is-Sindku qal li f'laqgħa preċedenti l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet qajmet il-problema tal-volum ta' vannijiet kbar li kienu qed jgħaddu minn Triq San Tumas. Is-Sindku qal li fil-verita' ma kienx hemm tabelli sabiex ma jgħaddux vannijiet minn din it-triq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru t-tabelli neċessarji.

Is-Sindku qal li din l-istess problema issa kienu qed jaffaċċjawha Triq Dun Guzepp Caruana. Is-Sindku ssuġġerixxa li hekk kif għamilna studju tat-traffiku tat-toroq fi Triq San Pawl, Triq San Ġwann u Triq il-Kuċċard, l-aħjar huwa li l-Kunsill iqabbad esperti f'dan il-qasam sabiex isir studju fi Triq Dun Guzepp Caruana wkoll. Il-Kunsill qabel.

5.2.8 Is-Sindku qal li c-*chairperson* tal-Bord Premju Onorifiċenza kien qed jissuġġerixxi li ssir lapida bl-ismijiet ta' kull min rebaħ il-Premju. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nieħdu idea x'għamlu Kunsilli oħra.

5.2.9 Is-Sindku ressaq talba għal mera fi Triq San Ġwann għaliex kien hemm persuna li kien qed ikollu diffikulta' biex joħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li teħel mera.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ġiet skużata minn 18:26 Sa 18:28.

5.2.10 Is-Sindku qal li f'laqgħa preċidenti l-Kunsill kien iddiskuta l-Iskema ta' *Minn Pjazza għal Pjazza*. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tagħna ġiet magħżula u li konna ġejna allokati €25,000 sabiex intellgħu din l-attivita'. Is-Sindku spjega li din l-attivita' kienet ser tittella' nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju, 2026 filgħaxija bit-tema ta' *Żejt, Għasel u Storja.* Is-Sindku kompla jispjega li sa issa ma kellnix il-programm sħiħ.

5.2.11 Is-Sindku qal li l-aħħar laqgħa l-Kunsill kien iddiskuta l-kwotazzjoni sabiex il-Kunsill jixtri *merry go round* ġdida. Is-Sindku qal li l-Għaqda tan-Nar kellhom torn tajjeb biex jirrangawlna x-shaft tal-merry go round u ppreżenta kwotazzjoni bl-ammont ta' €980 VAT Inkluż sabiex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nirranġaw il-merry go round.

Is-Sindku qal li sfortunatament bħal issa kien hawn grupp ta' tfal addoloxxenti li kienu qed jittantaw ix-xemx għaddeja u kien importanti li r-rapporti li l-Kunsill jirċievi mir-residenti li ngħadduhom il-*Community Police*.

5.2.12 Is-Sindku qal lil Kunsillier Kurt Debono li l-yellow line ta' Triq ta' Rqajja ma kienx għadu sar għaliex jekk isir kif kien talab dan ir-resident, il-ġar tiegħu qed joġġezzjona għaliex qed jgħid li se jinħoloqlu inkonvenjent. Is-Sindku qal li idealment din tiġi diskussa flimkien maż-żewġ residenti involuti.

**5.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

5.3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li tabella fi Triq in-Nassaba Safi Centre kienet bjadet u ma kienx ghadha tidher. Il-Kunsill qabel li tinbidel.

5.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-Blood Donation Unit issa kien imisshom jiġu Ħal Safi nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju, 2026

5.3.3 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-Każin kienu talbu sabiex meta jkun hemm xi fondi għal restawr napplikaw sabiex isir ir-restawr fuq wara tal-Każin.

5.3.4 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien irċieva lment li kien hawn persuna kellu l-inġenji tal-ħart li ma kinitx qed tgħaddilu mill-sqaq u kellu jdur dawra kbira biex jasal għall-għalqa tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naraw ma' Transport Malta jekk jistax isir xi ħaġa.

**5.4 Rapporti**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji Awditjat tas-sena 2025 lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Accountant tal-Kunsill ma setgħetx tattendi għall-laqgħa u minflok kienet bagħtet spjegazzjoni tal-adjustments li kienu saru waqt l-awditjar. Il-Kunsill approva l-Financial Statements għas-sena 2025.

**5.5 Cirkulari Numru SPI/SCI/05/2026 - Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'**

Is-Sindku ressaq Ċirkulari Numru SPI/SCI/05/2026 *Komuitajiet aktar b'saħħithom* u ta' kwalità lill-Kunsillieri kollha. Huwa spjega li għal din l-inizjattiva l-Kunsill seta' jibbenfika sa massimu ta' €100,000 u ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika sabiex ikun jista' jibda bil-bini tat-tielet sular fuq il-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-inizjattiva.

**5.6 Rapport Sigurta' fit-toroq**

Is-Sindku ressaq ir-rapport li kien sar mill-Kumpanija *Adi* Associates lill-Kunsillieri. Huwa spjega li dan ir-rapport kien ikopri tliet toroq li huma: Triq il-Kuċċard, Triq San Ġwann u Triq San Pawl. Is-Sindku ta' spjegazzjoni ta' dan ir-rapport lill-Kunsillieri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jgħaddi r-rapport lill-*Transport Malta* li wara kollox kull intervent ikollna bżonn l-approvazzjoni tagħhom.

**5.7 Devoluzzjoni tax-Xelter ta' Misraħ il-Knisja**

Is-Sindku qal li l-Kunsill sa issa ma kellux id-devoluzzjoni tax-xelter ta' Misraħ il-Knisja u għalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill japplika sabiex ikollna id-devoluzzjoni u nkunu nistgħu nitulizzaw ix-xelter wara li jsir it-tindif meħtieġ tiegħu.

**5.8 Korrispondenza**

Saru xi mistoqsijiet fuq xi korrispondenza.

**5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**5.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.55pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju, 2026, fis-5:30pm. Fis-6.00pm issir il-laqgħa tal-Komunita' għar-residenti u wara titkompla l-laqgħa tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |